



Il-vittma ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni mwettqa minn kumpannija omm tista' titlob lis-sussidjarja ta' din tal-aħħar il-kumpens tad-danni li jirriżultaw minnu

Għal din, hija ser ikollha tipprova li ż-żewġ kumpanniji kienu jikkostitwixxu unità ekonomika fil-mument tal-ksur

Bejn l-1997 u l-1999 il-kumpannija Sumal SL kisbet żewġ trakkijiet mingħand Mercedes Benz Trucks España SL (MBTE), li hija sussidjarja tal-grupp Daimler, li tagħha l-kumpannija omm hija Daimler AG.

B'deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016 ¹, il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat ksur, minn Daimler AG, tad-dispożizzjonijiet legali tad-dritt tal-Unjoni li tipprojbixxi l-akkordji ² sa fejn din tal-aħħar ikkonkludiet, bejn Jannar 1997 u Jannar 2011, ftehimiet ma' erbatax-il produttur ieħor Ewropew ta' trakkijiet li jirrigwarda l-iffissar tal-prezzijiet u ż-żieda ta' prezzijiet grossi tat-trakkijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

Wara din id-deċiżjoni, Sumal bdiet azzjoni għad-danni kontra MBTE, fejn talbet il-ħlas tas-somma ta' EUR 22 204.35 għad-danni li jirriżultaw minn dan l-akkordju. Madankollu l-azzjoni ta' Sumal ġiet miċħuda mill-Juzgado de lo Mercantil n 7 de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali Nru 7 ta' Barcelona, Spanja) minħabba li MBTE ma kinitx imsemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Sumal appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-**Audiencia Provincial de Barcelona** (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona). F'dan il-kuntest, din il-qorti tistaqsi **jekk u, skont il-każ, f'liema ċirkustanzi azzjoni għad-danni tista' tiġi diretta kontra sussidjarja wara deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata Prattiki antikompetittivi tal-kumpannija omm**. B'hekk, din il-qorti ddeċidiet li tissospendi d-deċiżjoni tagħha u li tibgħat din id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' azzjoni preliminari.

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija f'Awla Manja, **il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li ċ-ċirkustanzi li fihom il-vittmi ta' Prattika antikompetittiva ta' kumpannija sanzjonata mill-Kummissjoni huma fid-dritt li jinwokaw, fil-kuntest ta' azzjonijiet għad-danni mressqa quddiem il-qrati nazzjonali, ir-responsabbiltà ċivili tal-kumpanniji sussidjarji tal-kumpannija sanzjonata li ma jkunx imsemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni**.

Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Skont ġurisprudenza stabbilita, **kull persuna hija fid-dritt li titlob lill-“impriżi” li jkunu pparteċipaw f'akkordju jew fi Prattiki pprojbiti skont l-Artikolu 101 TFUE l-kumpens għad-dannu kkawżat minn dawn il-Prattiki antikompetittivi**. Anki jekk dawn l-azzjonijiet għad-danni jittressqu quddiem il-qrati nazzjonali, id-determinazzjoni tal-entità obligata li tikkumpensa d-dannu kkawżat hija direttament irregolata mid-dritt tal-Unjoni.

¹ Deċiżjoni C(2016) 4673 finali dwar proċedimenti tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39824 – Trakkijiet), li tagħha ġie ippubblikat sunit f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-6 ta' April 2017 (ĠU 2017, C 108, p. 6).

² Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

Peress li dawn l-azzjonijiet għad-danni jagħmlu parti integrali mis-sistema ta' implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, bl-istess mod bħall-implimentazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet pubbliċi, **il-kunċett ta' "impriża" fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE ma jistax ikollu portata differenti fil-kuntest tal-impożizzjoni mill-Kummissjoni ta' multi għal "impriżi" (*public enforcement*) u f'dak tal-azzjonijiet għad-danni mressqa kontra dawn l-"impriżi" quddiem il-qrati nazzjonali (*private enforcement*).**

Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, **il-kunċett ta' "impriża" fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE** jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus legali ta' din l-entità u tal-mod ta' finanzjament tagħha, u **tindika b'hekk unità ekonomika, anki jekk, mill-perspettiva legali, din tal-aħħar tkun ikkostitwita minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi.**

Meta jiġi stabbilit li kumpannija li tappartjeni għal din l-unità ekonomika tkun kisret l-Artikolu 101(1) TFUE, b'mod li tali l-"impriża" li tagħha tiffirma parti tkun wettqet ksur ta' din id-dispożizzjoni, **il-kunċett ta' "impriża" u, permezz tagħha, dik ta' "unità ekonomika" tinvolvi bi dritt sħiħ responsabbiltà "in solidum" bejn l-entitajiet li jikkomponu l-unità ekonomika fil-mument tat-twettiq tal-ksur.**

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, barra minn hekk, li **l-kunċett ta' "impriża" użat fl-Artikolu 101 TFUE huwa kunċett funzjonali**, b'mod li **l-unità ekonomika li tikkostitwixxiha għandha tiġi identifikata mill-perspettiva tas-suġġett tal-ftehim inkwistjoni.**

B'hekk, **meta l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE tkun ġiet stabbilita fir-rigward ta' kumpannija omm, huwa possibbli għall-vittma ta' dan il-ksur li tfittex li tinvoka r-responsabbiltà ċivili ta' kumpannija sussidjarja ta' din il-kumpannija omm bil-kundizzjoni li l-vittma tagħti prova li, fid-dawl, minn naħa, tar-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u legali li jorbtu dawn iż-żewġ entitajiet legali u, minn naħa l-oħra, tal-eżistenza ta' rabta konkreta bejn l-attività ekonomika ta' din il-kumpannija sussidjarja u s-suġġett ta' ksur li tiegħu l-kumpannija omm tkun responsabbli, l-imsemmija sussidjarja kienet tikkostitwixxi flimkien mal-kumpannija omm unità ekonomika.**

Minn dan isegwi li, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex tkun tista' tressaq azzjoni għad-danni kontra MBTE bħala sussidjarja ta' Daimler AG, **Sumal għandha tistabbilixxi, bħala prinċipju, li l-ftehim antikompetittiv konkluż minn Daimler AG jikkonċerna l-istess prodotti bħal dawk ikkummerċjalizzati minn MBTE.** B'hekk, Sumal turi li hija preċiżament l-unità ekonomika li taħtha taqa' MBTE, flimkien mal-kumpannija omm tagħha, li tikkostitwixxi l-impriża li wettqet il-ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 101(1) TFUE.

Madankollu, fil-kuntest ta' tali rikors għal kumpens ippreżentat kontra l-kumpannija sussidjarja ta' kumpannija omm li tagħha l-ksur tal-Artikolu 101 TFUE ikun ġie kkonstatat, il-kumpannija sussidjarja għandha jkollha quddiem il-qorti nazzjonali kkonċernata kull mezz neċessarju għall-eżerċizzju utli tad-drittijiet tagħha tad-difiża, b'mod partikolari biex tkun tista' tikkontesta l-appartenenza tagħha għall-istess impriża bħall-kumpannija omm tagħha.

Minbarra dan, meta azzjoni għad-danni tkun ibbażata, bħal f'dan il-każ, fuq konstatazzjoni mill-Kummissjoni ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE f'deċiżjoni indirizzata lill-kumpannija omm tal-kumpannija sussidjarja konvenuta, din tal-aħħar ma tistax tikkontesta, quddiem il-qorti nazzjonali, l-eżistenza ta' ksur hekk ikkonstatat mill-Kummissjoni. Fil-fatt, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1/2003³, il-qrati nazzjonali ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

Min-naħa l-oħra, meta ebda aġir ta' ksur tal-kumpannija omm ma jkun ġie kkonstatat mill-Kummissjoni f'deċiżjoni mogħtija skont l-Artikolu 101 TFUE, il-kumpannija sussidjarja naturalment

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

tkun fid-dritt li tikkontesta mhux biss l-appartenenza tagħha għall-istess “impriża” bħal kumpannija omm tagħha, iżda wkoll l-eżistenza tal-ksur allegat lil din tal-aħħar.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, barra minn hekk, li l-possibbiltà, għall-qorti nazzjonali, li tikkonstata eventwali responsabbiltà tal-kumpannija sussidjarja għad-danni kkawżati ma jiġix eskluż minħabba s-sempliċi fatt, jekk ikun il-każ, li l-Kummissjoni ma tkun adottat ebda deċiżjoni jew li d-deċiżjoni li biha jkun ġie kkonstatat il-ksur ma tkunx imponiet fuq din il-kumpannija sanzjoni amministrattiva.

Għaldaqstant, l-Artikolu 101(1) TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà li timputa r-responsabbiltà tal-aġir ta’ kumpannija lil kumpannija oħra biss fil-każ fejn it-tieni waħda tkun tikkontrolla l-ewwel waħda.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355